QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru:- 1484/99DM

John u Anne konjugi Buhagiar

vs

Rosanna Gerada

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-istanti s-somma ta' Lm433.10c subiti mill-istanti in segwitu ghal incident stradali li sehh il-Marsa fis-17.08.99 bejn Mercedes nru LAG 462 misjuqa minn John Buhagiar u car Seat nru BAR 236 misjuqa mill-konvenuta prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja, u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali tas-16.09.99 u dawk tal-ittra tal-presentata ta' l-avviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax min-notifika tal-presentata ta' l-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rosanna Gerada fejn eccepiet illi:-

1 Talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ma kinetx responsabbli ghall-incident ‘de quo’ u dana in vista li si tratta ta’ incident ‘casus sentit dominus’ billi skiddjat fuq ‘diesel’;

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri..

Rat il-verbal tal-10 ta’ Mejju 2001 fejn il-konvenuta assistita mid-difensur taghha tiddikjara illi qed tikkontesta biss ir-responsabbilta u mhux il-quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti li wasslu ghal kollizzjoni. Infatti jirrizulta illi waqt li l-attur kien qed isuq ghal affari tieghu fuq il-lane tax-xellug ta’ Labour Avenue il-Marsa, huwa sab il-karreggjata tieghu imblokkata bil-vettura tal-konvenuta illi dahlet fil-karreggjata tieghu u ma setghax jevita l-iskontru.

Sa hawn kollox jindika illi r-responsabilta hija esklussivament tal-konvenuta u li l-attur huwa ezenti minn kwalunkwe responsabbilta. Izda l-konvenuta biex tiggustifika il-manuvra taghha ddikkjarat illi hija kienet sabet il-karreggjata taghha mxarba bid-diesel, skiddjat u tilfet il-kontrol tal-vettura.

Jinkombi ghalhekk fuq il-konvenuta illi hija tasal ghal prova illi kienet qieghdha issuq bi prudenza u bil-ghaqal rikjest u illi l-iskiddjatura ma setghatx tigi evitata minnha u ma kienetx tkun evitata minn kwalunkwe sewwieq iehor ta' esperjenza u perizja normali.

Dan pero' il-konvenuta ma ghamlitux. Infatti jirrizulta mill-isketch maghmul mill-ufficjal li investiga l-kaz, illi ma kinetx xi roqa ta' diesel insinifikanti li setghet ipprovakat l-iskidd tal-konvenuta, izda kienet roqa twila hafna matul il-karreggjata kollha li kienet miexja fiha il-konvenuta u ghalhekk kienet roqa ta' diesel evidenti ghal minn kien qieghed attent ghal karreggjata li kien isuq fiha u kien jinkombi lill-konvenuta li kemm jista jkun tevadi l-istess roqa illi kienet tindika perikolu ta' skidjar.

Inoltre jirrizulta wkoll illi l-istess konvenuta kienet qieghdha issuq f'linja ta' traffiku b'vetturi kemm quddiem u kemm warajha u ma jirrizultax illi xi wahda minn dawn il-vetturi illi ghalhekk kienu wkoll qed jinsaqu fejn kien hemm dan id-diesel skiddjat kif skidjat il-vettura tal-konvenuta.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-manuvra li ghamlet il-vettura tal-konvenuta ma kinetx dovuta esklussivament ghaz-zlieq li kien hemm fil-karreggjata izda din il-manuvra kienet ukoll dovuta ghall-inesperienza jew sewqan imprudenti tal-istess konvenuta.

Ghaldaqstant tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni u ghalhekk ghandha tkun tenuta illi thallas id-danni kollha illi sofra l-attur.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenuta dwar il-quantum tad-danni qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundannaha lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm433.10 (erbgha mija u tlieta u tletin liri maltin u ghaxar centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz prevja li l-Qorti qieghda tiddikjara illi kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni.

Tikkundannah lill-istess konvenuta illi thallas l-imghaxijiet legali b'effett mill-20 t'Ottubru 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21